**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 377/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Darren Desira**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Darren Desira, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 48684M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Mejju 2005, u matul l-aħħar ġranet ta' qabel din id-data:

> Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifatura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolzu, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-imputat irreġistra ammissjoni għar-reat tal-pussess sempliċi, u mhux aggravat, tad-droga kokajina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-29 ta' Settembru 2021, fejn wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Darren Desira ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu (in kwantu din tirreferi għall-jum tal-20 ta' Mejju 2005 u mhux għall-aħħar ġranet ta' qabel din id-data) u ikkundanatu għall-piena ta' seba' xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet sospiża għal perijodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza u multa ta' elf u mitejn ewro. *In oltre*, il-Qorti ma kkundanatx lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez inkorsi fil-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta stante illi l-emenda fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tagħha l-Qorti setgħet tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' tali spejjez, ġiet introdotta permezz tal-Att XIII tas-sena 2005 u daħlet fis-seħħ nhar il-15 t'Awwissu 2005 bis-saħħa tal-Avviz Legali 286 tas-sena 2005, u għalhekk wara d-data li għaliha tirreferi l-imputazzjoni odjerna li tagħha instabet ħtija fil-kaz odjern. Ordnat ukoll ir-rilaxx tas-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltin esebita bħala Dok. NC2, kif ukoll tal-*mobile phones* esebiti bħala Dok. MB2 favur il-ħati. Finalment il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Darren Desira, ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u safejn tirrigwarda l-ġranet qabel l-20 ta' Mejju 2005;
2. Tiddikjarah ħati biss tal-pussess sempliċi tad-droga kokajina;

3. Tħassarha u tirrevokaha għall-bqija u tiddikjarah mhux ħati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jivventila erba' aggravji fir-rikors tiegħu tal-appell, li *in suċċint* jikkritikaw is-sentenza appellata fis-sens illi:

(i) Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi in sostenn tal-elementi rikjesti mill-liġi għar-reat addebitat lill-appellant u l-provi li jinsabu fl-atti jieqfu ferm 'il bogħod mill-piz tal-prova rikjest mill-Liġi. Dan għalhekk jirrendi s-sejbien ta' ħtija tal-imputat mill-Ewwel Qorti "*unsafe and unsatisfactory*".

(ii) Il-Prosekuzzjoni naqset meta baqgħet ma ġiex minnha stabbilit ma' min ltaqa' l-appellant wara li telaq mid-dar tiegħu fid-data indikata fl-akkuża, sabiex b'hekk ma setax jiġi stabbilit illi is-sejba tad-droga fil-pussess tiegħu kienet intiża għall-ispaċċ.

(iii) Isewgi għalhekk illi l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li permezz tagħha setgħet tindika pussess fl-appellant ta' droga għal skop ta' traffikar.

(iv) Il-prova magħmula permezz tax-xhieda ta' Dr.Charles Cassar tindika sal-grad tal-probabbli li l-qratas misjuba fuq l-appellant kienu għal konsum personali tiegħu u għalhekk ma kenux għandu għal skop ta' traffikar.

Illi esposti il-lanjanzi imqanqla mill-appellant, huwa evidenti illi l-ilment ewlieni tiegħu huwa dirett unikament lejn l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Għal dan il-għan, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex

b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi dan il-każ ra il-bidu tiegħu meta nhar l-20 ta' Mejju 2005, il-Pulizija ta' l-Iskwadra ta' kontra d-Droga kisbu informazzjoni li l-appellant kien ser jittraffika d-droga ġewwa Paceville. Il-Pulizija għalhekk ipproċedew għall-insegwiment tiegħu u bdew jippedinawlu il-passi fejn osservaw li wara li telaq mid-dar tiegħu ġewwa Marsaxlokk, l-appellant aċċeda ġewwa appartament fil-Mosta, u wara dan erħilha lejn Paceville. Kif wasal Paceville u ipparkeġġja il-vettura tiegħu, l-appellant ġie imwaqqaf mill-pulizija u saritlu tfittxija kemm fuq il-lok fejn twaqqaf u aktar tard fl-għassa tal-pulizija fejn fil-pussess tiegħu kienu misjuba ħmistax-il qartas ta' sustanza suspettata kokajina. Illi mir-rapport imħejji mill-espert xjenzat nominat fil-kors tal-*in genere*, l-iSpizjar Mario Mifsud, ġie stabbilit illi s-sustanza misjuba kienet kokajina fl-ammont nett totali ta' 8.677 grammi u b'purita' medja ta' ċirka 51.7%. L-appellant għalhekk jiġi mixli bil-pussess aggravat tad-droga kokajina.

Illi, fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, senjatament nhar l-10 ta' Diċembru 2015, saret talba da parti tal-appellant sabiex l-istess Qorti tassumi il-funzjoni ta'Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħa b'digriet tas-06 ta' Frar 2016, u dan wara li instemgħet ix-xiehda ta' Dr. Joe Psaila Savona, Dr Charles Cassar u Rona Custo' li lkoll xehdu dwar id-dipendenza tal-appellant fuq id-droga kokajina.

Illi wara li l-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ippreżenta ir-rapport favorevoli tiegħu, nhar it-30 ta' Ġunju 2020, l-appellant ammetta għall-pussess sempliċi tad-droga kokajina quddiem l-Ewwel Qorti. Dan kien ifisser, madanakollu, illi l-Ewwel Qorti kellha xortawaħda tqies jekk l-imputazzjoni kif

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

dedotta kontra l-appellant u ċioe' dwar pussess aggravat tad-droga kokajina kenitx tirriżulta mill-provi miġjuba quddiemha. Illi wara eżami tal-provi, u wara li ġiet skaratata il-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-appellant, l-Ewwel Qorti sabet ħtija għall-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta għazlet li ma timponiex il-piena mandataorja ta' priġunerija għar-reat li dwaru instabet ħtija, iżda għaddiet biex ikkundannat lill-appellant għal perijodu ta' seba' xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali dan il-perijodu ta' priġunerija ġie sospiż għal żmien sentejn u inoltre imponiet multa ta' €1200.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant madanakollu ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni billi kien tal-fehma illi ma nġabux provi bizzejjed quddiem l-Ewwel Qorti sabiex huwa jinstab ħati tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga, mhux biss għaliex kien hemm diversi *lacunae* fil-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni , iżda ukoll għaliex mix-xiehda ta' Dr. Charles Cassar kien evidenti illi l-ammont ta' droga misjuba fuq il-persuna tiegħu kienet waħda intiża għall-konsum personali tiegħu u mhux sabiex tiġi traffikata.

Illi jibda biex jingħad illi fil-kors tax-xiehda tiegħu mogħtija lura fis-sena 2005, il-psikoterapista Dr Charles Cassar, jispjega illi meta huwa beda' jsegwi lill-appellant, dan kien "*psikoloġikament imkisser*". Dr Cassar xehed li l-appellant kien beda jabbuża mid-droga kokajina u kien spiċċa psikoloġikament dipendenti fuqha. Xehed ukoll – u huwa propju fuq dan il-punt li d-difiza qed tagħmel emfażi – li "*meta joħroġ kien jieħu 6 pakketti ... u jrid ikollu r-reserve fil-but biex ma jmurx jieħu puncture u ma jkollux*". Illi fl-analiżi li sar mill-Ewwel Qorti tal-provi hija ħadet in konsiderazzjoni dak li kien xehed dan ix-xhud iżda wasslet għal konkluzjoni illi għalkemm kien minnu li l-appellant kien persuna dipendenti fuq id-droga kokajina, madanakollu l-ammont ta' 15-il qartas li nstabu fuq il-persuna tal-appellant ċertament ma setgħux ikunu għal konsum tiegħu f'lejla waħda. Illi l-Qorti tikkondividi bis-sħiħ dan il-ħsieb tal-Ewwel Qorti, iktar u iktar għaliex kif tajjeb intqal fis-sentenza appellata dawn instabu maqsuma f' ħmistax il-qartas ta' piż kwazi ugwali.

Illi spiss kienu dawk l-okkażjonijiet fejn il-qrati tagħna saħħqu illi fil-każ tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ma huwiex meħtieġ li jiġi ippruvat l-intenzjoni tal-ispaċċ. Dak li hu meħtieġ, iżda, huwa li jkun hemm bizzejjed provi li jindikaw ċirkostanzi illi l-pussess fil-ġudikabbli tad-droga mhuwiex tali li jindika l-użu personali.

> **"Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha"[2].**

Illi, għalhekk l-onus qiegħed fuq l-appellant sabiex jipprova li l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tiegħu kienet għall-uzu personali tiegħu.

Illi, mill-provi prodotti ġie ppruvat li l-appellant kellu dipendenza fuq id-droga kokajina. Ġie ppruvat ukoll li fil-pussess tal-appellant instabet id-droga kokajina f' ammont net totali ta' 8.677 grammi. Il-Qorti tosserva li dan l-ammont ma kienx fih innifsu xi ammont sostanzjali, madanakollu l-appellant jonqos milli jressaq provi li jindikaw illi f'lejl wieħed huwa kapaċi jikkonsma waħdu dan l-ammont kbir ta' droga. Kif ingħad id-droga kienet maqsuma fi 15-il qartas fejn il-piż kien prattikament l-istess għal kull qartas. Oltre għal fatt illi l-appellant kellu dan l-ammont ta' droga fil-pussess tiegħu, u preċisament moħbija taħt l-inforra fil-qalziet fejn kellu iċ-ċintorin, meta huwa kien ser jaċċedi ġewwa bar f' Paceville, fejn allegatament kien jaħdem. Li kieku l-ammont minnu akkwistat kien għall-użu tiegħu u huwa kapaċi jikkonsma sitt pakketti meta joħroġ, ma kellux għalfejn iġorr fuqu il-kumplament. L-appellant ma jressaq ebda prova, u dan sal-grad tal-probabbli, x'kien ser jagħmel bl-ammont kollu misjub fil-pussess tiegħu, u kif u meta kien bi ħsiebu jikkonsmahom jekk, kif jikkontendi hu, dawn kienu għall-użu tiegħu, u għalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi probatorji, l-aggravji imqanqla mill-appellant ma jistħoqqilhomx akkoljiment.

---

[2] 2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jason Mallia"

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**